

MISTOQSIJA LI TITLOB TWEĠIBA ORALI O-0000/09  
magħmula skont l-Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Eva Joly, f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp  
lill-Kunsill

Suġġett: Il-bidla fil-klima u l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-kuntest tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima f'Kopenhagen

Mill-perspettiva tal-iżvilupp, il-ftehma dwar il-bidla fil-klima għal wara l-2012 għandha taqbel mal-proċessi eżistenti tal-iżvilupp fil-livell internazzjonali (eż. l-MDGs: l-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju) u fil-livell nazzjonali. X'azzjonijiet speċifiċi għandu l-ħsieb li jieħu l-Kunsill biex jiżgura li jkun hemm rabtiet ċari bejn il-programmi għat-tnaqqis tal-faqar u l-politiki u l-istrategji dwar il-bidla fil-klima fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw?

Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi limitati għall-bidla fil-klima jiġu mill-baġits tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), u dan wassal biex jittieħdu fondi mill-assistenza għall-iżvilupp, bil-periklu li ma jintlaħqux l-MDGs. X'mekkaniżmi ġodda jista' jadotta l-Kunsill biex iżid riżorsi oħrajn li jgħinu fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u biex ikun żgurat li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jintuża biss għall-assistenza fil-iżvilupp? X'perċentwali mid-dħul mistenni mill-irkant tal-Iskema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet tal-UE huwa lest jalloka l-Kunsill biex jgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jadattaw ruħhom għall-bidla fil-klima? Liema huma l-aħjar mekkaniżmi biex dawn ir-riżorsi jmorru għall-promozzjoni tas-sjieda tal-pajjiżi riċevanti?

Fil-livell Ewropew, ir-riżorsi għall-adattazzjoni jgħaddu minn xenarju fframmentat sew, u dan joffri sfidi sinifikanti għal dawk li jkollhom il-kompitu li jimplementaw il-finanzjament. Kif bi ħsiebhom il-Kummissjoni u l-Kunsill jippromwovu l-koordinazzjoni bejn l-istrumenti diversi ta' finanzjament li jeżistu fil-livell Ewropew? X'miżuri huma previsti biex ikun żgurat li l-Alleanza Globali għall-Bidla fil-Klima (GCCA) tikklerja l-fondi ta' adattazzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, biex b'hekk ikun evitat li jinħolqu inizjattivi bilaterali ġodda tal-UE?

Imressqa: 03.09.2009  
Mibgħuta: ...  
Skadenza: ...